**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 10 ta' Mejju 2018**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 1088/2012**

**Paul Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom**
**tad-ditta Paul Camilleri & Associates**

**vs**

**Mediterranean Investments Holdings p.l.c. u**
**International Hotel Investments p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-30 ta' Ottubru, 2012 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti pro et noe ippresta servizzi professjonali ta' periti arkitetti u inginiera civili in konnessjoni ma' progett bl-isem Medina Towers, gia Al Fateh Tower, gewwa Tripoli, Libya fuq inkarigu tal-kumpaniji intimati Mediterranean Investments Holding p.l.c. u/jew International Hotel Investments p.l.c.;

2. Illi r-rikorrenti inkorra wkoll spejjez relatati mal-istess servizzi, u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-komputazzjoni relattiva li qed tigi hawn annessa bhala Dok. A;

3. Illi r-rikorrenti inizjalment kien inkarigat wahdu bhala perit fuq dan il-progett wara li d-disinn tieghu kien intaghzel fuq disinni ta' periti ohra, inkluz dak tal-periti Sidell Gibson Partnership. LLP, socjeta registrata l-Ingilterra, izda sussegwentement il-kumpaniji intimati jew min minnhom qabbdu wkoll lil Sidell Gibson Partnership LLP sabiex jahdmu flimkien mar-rikorrenti fuq l-istess progett, fuq id-disinn tar-rikorrenti.

4. Illi fil-frattemp, l-intimati kienu wkoll infurmaw verbalment lir-rikorrent Paul Camilleri li kienu ser jitterminaw l-inkarigu moghti lis-socjeta Sidell Gibson Partnership LLP, u jkomplu bis-servizzi tar-rikorrenti biss; u di fatti ghal perjodu r-rikorrent, fuq

struzzjonijiet tal-intimati u tas-socjeta relata QPM Limited, attenda meetings wahdu u ipproduca pjanti, analisi, kalkoli strutturali u dokumenti ghal-finijiet ta' 'tendering'.

5. Illi pero l-inkarigu ta' Sidell Gibson Partnership LLP ma giex terminat u baqghu jahdmu flirnkien ghal perjodu ta' zmien. Eventwalment Sidell Gibson Partnership LLP baqghu jahdmu fuq il-progett wahedhom.

6. Illi d-drittijiet dovuti lir-rikorrenti ghas-servizzi professjonali rezi minnhom lill-intimati, kemm qabel ma giet imqabbda s-socjeta Sidell Gibson Partnership LLP kif ukoll wara, flimkien mal-ispejjez inkorsi minnhom u inkluz il-VAT jammonta ghal tlett miljuni, mitejn u seba' u erbghin elf, tmien mija u disgha u sebghin euro u ghoxrin centezmu (€3,247,879.20) kif jirrizulta mill-istess kopja tal-komputazzjoni relattiva (Dok. A);

7. Illi l-intimati baqghu ma hallsux l-istess ammont nonostante li d-disinn tar-rikorrenti u/jew l-adattamenti tal-istess disinn gie wzat minnhom ghall-progett finali u gie reklamat bhala disinn ta' Sidell Gibson Partnership LLP, u nonostante wkoll id-diversi interpellazzjonijiet sabiex ihallsu l-ammont dovut, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 1 ta' Novembru 2010.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tiddikjara lill-kumpaniji intimati jew min minnhom responsabbli ghall-hlas tad-drittijiet dovuti lir-rikorrenti ghal servizz professjonali ta' periti arkitetti u inginiera civili rezi minnhom in konnessjoni mat-progett bl-isem Medina Towers gewwa Tripoli, Libja kif ukoll spejjez inkorsi mill-istess rikorrenti relatati mal-istess servizzi, liema xoghlijiet u spejjez saru fuq inkarigu tal-kumpaniji intimati.

(ii) Tikkundanna lill-kumpaniji intimati jew min minnhom ihallsu s-somma ta' tlett miljuni, mitejn u seba' u erbghin elf, tmien mija u disgha u sebghin euro u ghoxrin centezmu (€3,247,879.20) rapprezentanti l-istess drittijiet u spejjez, jew somma verjuri li joghgobha tillikwida dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Novembru 2010 u bl-imghax legali kontra l-kumpaniji intimati jew min minnhom li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-socjeta konvenuta Mediterranean Investments Holdings p.l.c. li tghid hekk:

1. IIli preliminarjarnent din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma u taqta' l-kawza odjerna stante illi minn dak li jirrizulta minn dak dikjarat mill-attur proprio et nomine fir-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna l-prestazzjoni li kellu jigi allegatament minnu ezegwit kellu jsehh barra minn dawn il-gzejjer u ma jista' qatt jigi infurzat f'dawn il-gzejjer;

2. IIli preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghal dak precitat is-socjeta esponenti mhijiex il-legittimu kontradittrici tal-attur proprio et nomine stante li hi qatt ma tat lill-istess attur proprio et nomine xi inkarigu professjonali in konnessjoni mal-progett ta' Medina Towers kif allegat mill-attur proprio et nomine u ghalhekk ghandha

tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minghajr ma tehel aktar spejjez. Konsegwentement is-socjeta esponenti ghandha tigi estromessa mill-proceduri odjerni minnufih;

3. IIli sussidjarjament, u wkoll minghajr pregudizzju t-talbiet tal-attur proprio et nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:
i. Qabel xejn jigi ddikjarat li s-socjeta esponenti kienet tat inkarigu lill-attur proprio et nomine fuq progett iehor bl-isem ta' "Al Fateh Tower", ta' liema xoghol l-attur proprio et nomine kien talab l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin euro (€13,924.00), liema somma diga giet imhallsa fl-intier lill-attur proprio et nomine mis-socjeta eccipjenti u giet minnu accettata minghajr riservi, u dan skond kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza odjerna;
ii. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont illum pretiz mill-attur huwa ferm ezagerat u eccessiv, u la gie pattwit u wisq anqas tista' tigi applikata t-tariffa "K" tal-Iskeda "A" mehmuza mal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) meta l-allegati prestazzjonijiet ta' servizzi professjonali peritali kellhom jigu ezegwiti barra minn dawn il-gzejjer;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-attur proprio et nomine ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-socjeta konvenuta International Hotel Investments p.l.c. li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma u taqta' l-kawza odjerna stante illi minn dak li jirrizulta minn dak dikjarat mill-attur proprio et nomine fir-rikors guramentat promotur tal-kawza odjerna, il-prestazzjoni li kellu jigi allegatament minnu ezegwit kellu jsehh barra minn dawn il-gzejjer u ma jista' qatt jigi infurzat f'dawn il-gzejjer;

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghal dak precitat is-socjeta esponenti mhijiex il-legittimu kontradittrici tal-attur proprio et nomine stante li hi qatt ma tat lill-istess attur proprio et nomine xi inkarigu professjonali in konnessjoni mal-progett ta' Medina Towers kif allegat mill-attur proprio et nomine u dan kif jidher ukoll mill-protest gudizzjarju spedit mill-istess attur proprio et nomine (Dok. "A" anness) u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minghajr ma tehel aktar spejjez. Konsegwentement is-socjeta esponenti ghandha tigi estromessa mill-proceduri odjerni minnufih;

3. IIli sussidjarjament, u wkoll minghajr pregudizzju t-talbiet tal-attur proprio et nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-attur proprio et nomine ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti, in-noti ta’ sottomissjonijiet u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

L-attur, il-Perit Paul Camilleri, xehed (ara wkoll fol. 459-460 Points Perit Camilleri) li permezz ta' ittra datata 26 ta' Awissu 2008 mibghuta minn Reuben Xuereb, Direttur tal-Mediterranean Investments Holiding p.l.c. (MIH) (ara Dok. PC2 a fol. 37) huwa kien gie inkarigat biex janalizza pjanti li gew imhejjija minn ditta ta' periti Malasjani u jara l-adattabilita' taghhom ghal sit partikolari gewwa l-Libja, Tripli fejn kellu jsir progett. Hu kien mistieden imur Tripli biex jezamina l-post fejn kellu jsir dan il-progett u jipprezenta rapport. Hu kien ikkonkluda li kien hemm certu nuqqasijiet fil-pjanti li ra billi ma kienux jimmassimizzaw il-potenzjal tas-sit. Ta' dana x-xoghol huwa kien thallas mill-MIH (Dok. AP2 a fol. 891).

Wara li pprezenta dan ir-rapport rega gie kkuntattjat minn Reuben Xuereb biex jaghmel id-disinn ghal dan is-sit. Dan kien progett enormi u ntalab biex jaghmlu b'certa urgenza. Kien *concept design*, originali, li zviluppa l-ufficcju tieghu fejn, b'certu arkitettura, immassimizzaw l-potenzjal tas-sit, tal-veduti tal-bahar u affariijiet ohra. Huwa pprezenta r-rapport tieghu fil-bidu ta' Novembru 2008 pero ma harigx kont billi kien qieghed jistenna li ser jitqabbad jattwa l-progett.

F'April 2009 kienet saret laqgha fejn gie infurmat li l-*concept design* tieghu kien gie maghzul biex jigi zviluppat is-sit fi Tripli (ara Dok. PC4 sketches u zvilupp tal-isketches li wasslu ghall-*concept design* tal-attur a fol. 115 et seq.). Kien hemm periti Inglizi prezenti u dawn bdew jinsistu li l-progett kellu jsir fuq id-disinn taghhom (PC6 a fol. 130). Is-Sur Pisani nfurmahom li d-disinn tal-Perit Camilleri kien dak maghzul imma ried li jkun hemm kollaborazzjoni mad-ditta tal-periti Inglizi. Hu kien sorpriz b'dina l-proposta. Tkellem mal-periti Inglizi u l-intenzjoni kienet li jaghmlu joint venture fuq id-design development. Hu beda jitkellem maghhom biex jilhqu ftehim. Hu ghamel xoghol maghhom u anke hadmu fuq kemm kienu ser ikunu l-fees taghhom. Issemmiet l-figura ta' xi 11 jew 10 miljuni ewro imma s-sur Pisani kien

qallhom li ma kinitx accettabbili. Is-Sur Pisani kien lest li jahdem il-progett b'erba' miljuni. F'certu stadju s-Sur Pisani kien anke offrilu li jiehu l-progett wahdu minghajr l-grupp Ingliz. Sadanittant ma kien ghadu formalizzat ebda ftehim. Hu kien hadem fuq kuncetti ta' struttura specjalizzata hafna, minhabba li hemm huwa mibni fil-bahar. Kien ghamel hafna studji u xoghol preparatorju wahdu bl-istaff tieghu (ara Dok. PC7 a fol. 137; PC9 a fol. 225; PC10 a fol. 165; PC11 a fol. 172; PC12 a fol. 211; ara wkoll PC13 sa PC24 a fol. 246-408) u l-MIH kienet taf li kien qieghed jaghmel dak ix-xoghol.

F'Settembru sar meeting u QPM (Quality Project Management, kumpanija sussidjaraja ta' Corinthia Group) infurmatu li kellu jahdem flimkien mal-Inglizi. Il-periti Inglizi kienu accettaw il-kontroproposta ta' Alfred Pisani ta' 4 miljuni u sehmu ghal design development kellu jkun ta' €320,000 bbazat fuq process ta' sena. Kienu saru diskussjonijiet fuq kif kellhom jahdmu flimkien bhala *joint venture* jew *partnership* u jsir joint agreement biex jipprezentawh lil klijent (ara Dok. PC3 a fol. 38). Hu kellu jassenja l-*copyright* tal-*concept design* tieghu u kellu jithallas mis-Sur Pisani apparti l-4 miljuni.

Hu baqa' jahdem mal-periti Inglizi u fil-frattemp MIH hallsu lil Inglizi xi €2,000,000.00. qabel ma gie ffirmat kuntratt (ara Dok. PC 30 a fol. 489). Fil-fatt f'dak l-istadju kienu ghadhom qeghdin jinnegozjaw sabiex jigu konkjuzi erba' agreements u cjoe (i) ftehim bejnu u l-periti Inglizi (ii) ftehim ma' Sidell Gibson Camilleri biex jipprovdu architectural services lil klijent; (iii) ftehim fuq il-*concept design* tieghu u (iv) ftehim ta' CS Design/CS Consult, l-inginiera Maltin li ffurmaw kumpanija l-Ingilterra ma' Sidell Gibson Camilleri.

Illi l-periti Inglizi kienu ilmentaw mal-konvenuti li huma kienu qeghdin jaghmlu aktar xoghol milli prevvist fl-arrangament u l-konvenuti accettaw li l-fee minn 4 miljuni tizdied ghal 6 miljuni u dana minghajr ma huwa kien gie involut f'dawn id-diskussjonijiet u minghajr ma ppartecipa xejn fl-ghoti ta' dan l-extra money li kienu ser jiehdu l-Inglizi. L-Inglizi accettaw l-offerta li ghamel Pisani imma huwa ma setghax jaccetta u ghalhekk ma kompliex bil-progettt ghaliex kien ser jigi li jiehu biss €100,000 tas-supervision. Ghalhekk insista li jithallas tal-*concept design*. Hu ma

kienx inghata opportunita li joqghod jiddiskuti mal-Inglizi u jiftiehem fuq il-parti li tmiss lilu billi kollox sar wara dahru. Minhabba varji ragunijiet hu gie mgieghel jirtira l-partecipazzoni tieghu f dan il-progett.

Il-professional fees li qieghed jitlob f'dina l-kawza huma (ara Dok. A a fol. 6 u Dok. PC33 a fol. 502):
(i) €2,222,440 bhala fee ghall-*concept design* (Dok. PC28 a fol. 479 ittra datata 20/11/2009 mibghuta lil MIH);
(ii) €150,000 tax-xoghol li ghamel wahdu bejn Gunju u Settembru 2009 (Dok. PC27 a fol. 470 xoghol li l-attur ighid li kien sar minnu wahdu meta Sidell Gibson ma kienux involuti);
(iii) €350,000 tal-involviment tieghu fid-Design Development tal-*concept design* mal-periti Inglizi.

Dwar (i) il-professional fees ghal *concept design*, l-attur jixhed illi dawn gew ikkalkolati a bazi tat-Tariffa K tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'Novembru 2009 l-attur kien baghat kont ghal professional fees tieghu ta' €2,222,440 + VAT, ghal totali ta' €2,622,479.20 (PC28 a fol. 479). Sussegwentement saret laqgha fejn is-Sur Pisani offra €450,000 biss + VAT ghall-*concept design* tieghu. Hu kien lest li jikkunsidra dina l-offerta kemm il-darba jibqa' nvolut sal-ahhar tal-progett u l-kundizzjonijiet relatati jkunu sodisfacjenti ghalih. Kien sar draft *agreement* li kellu jigi ffirmat meta isiru l-*agreements* l-ohra mal-Inglizi. Dawn l-*agreements* kienu qeghdin jigu ppreparati biex jigu ffirmati izda hu ma kienx lest li jaccetta l-proposta jekk l-*agreements* ma jigux iffirmati kollha flimkien (Dok. X3 a fol. 1028). L-attur xehed li huwa kien jaf li l-intimati kienu *partners* ma' haddiehor u ma kellux diffikolta li jiffirma l-*agreements* maghhom basta li l-ftehim ikun regolat mill-ligi Maltija. In-negozjati kienu saru ma' Reuben Xuereb, mas-Sur Pisani u mal-periti Inglizi flimkien (Dok. PC29 fol. 481). Izda kien hemm hafna intoppi mal-periti Inglizi billi huma riedu li jkollhom il-51% u ghalhekk huwa ma ffirmax.

Ghalhekk meta huwa ma setghax ikompli bil-progett sal-ahhar, huwa rreverta ghat-talba originali tieghu ta' €2.2 miljuni minflok il-€450,000 li gew offruti lilu ghal *concept*

*design*. Il-*concept design* kien xoghol originali tal-ufficcju tieghu. Is-shape u l-qafas tal-*concept design* baqa' dejjem l-istess “S” shape u l-kuncett halla flessibilita' ta' xi jsir gewwa. F'intervista li kien ghamel mat-Times of Malta (ara Dok. PC5 fol. 129) Reuben Xuereb isemmi li "*the vertical concept was entrusted to Paul Camilleri and Associates, Sidell Gibson Architects of the UK were engaged to assist in developing the architectural details".*

Dwar (ii) talba ghal €150,000 ghal xoghol li huwa ghamel wahdu bejn Gunju/Settembru 2009, is-Sur Pisani kien wera x-xewqa, meta kellmu separatament mill-Inglizi, li l-progett imexxih wahdu. Hu ghalhekk kien beda jaghmel hafna xoghol mill-ufficcju tieghu u dana kien f'nofs Gunju 2009 sa l-ahhar ta' Settembru 2009 (Dok. PC27 fol. 470; Dok. PC14 studju dwar jintuzawx Steel jew Concrete; Dok. PC15 construction of basement diaphragm walls; Dok. PC23 evalutation tat-tenders) u anke ghamel xoghol fis-sajf.

Dwar id-dokumenti esebiti, l-attur xehed in kontro-ezami li fost dawn id-dokumenti hemm uhud li huma ripetuti, ohrajn li gew downloaded mill-internet. Diversi dokumenti huma overlapping billi dawn ikunu qeghdin jibnu fuq xulxin imbaghad ir-rapport finali jkun fih id-dokumenti kollha li kienu pprecedewh fil-preparazzjoni tar-rapport. Uhud minn dawn kienu nghataw lill-klijent qabel gie finalizzat ir-rapport.

Dwar (iii) talba ghal €350,000 ghall-involviment tieghu fid-Design Development tal-*concept design* mal-periti Inglizi, ighid li meta s-Sur Pisani kien wera x-xewqa li d-*'Design Development'* tal-*'concept design'* isir b'*joint venture* mal-periti Inglizi, hu beda jitkellem maghhom biex jilhqu ftehim. Wara diversi laqghat, il-Perit Inglizi kienu accettaw il-kontroproposta tas-Sur Pisani ta' 4 miljuni fejn is-sehem tieghu ghad-design development kellu jkun ta' €320,000 ghal perjodu ta’ sena. Imbaghad il-periti Inglizi kienu lmentaw mal-konvenuti li huma kienu qeghdin jaghmlu aktar xoghol milli prevvist fl-arrangament u l-konvenuti kienu accettaw li jaghtuhom 2 miljun ohra minghajr ma hu kien involut f' dawk id-diskuzzjonijiet u minghajr ma ppartecipa xejn f'dik iz-zieda fil-hlas. Ghalhekk kellu jittermina l-partecipazzjoni tieghu f' dan il-progett. Ghalhekk apparti il-€320,000 miftiehma qieghed jitlob €30,000 zejda bhala sehemu bhal ma talbu l-periti Inglizi. B'kollox ghalhekk €350,000.

Reuben Xuereb, Group Director, Corinthia Group of Companies, xehed li fil-2008 kienu stiednu lill-attur biex jaghtihom parir fuq zvilupp ta' progett li kien ser isir il-Libja. Il-partners Libjani diga kellhom progett approvat izda huma deherilhom li l-progett seta' jsir ahjar. L-attur kien qalilhom li kif kien il-progett ma jahdimx u ppropona disinn iehor tieghu. Fil-21 ta' Lulju, 2008 huma kienu ffirmaw MOU (Dok. A fol. 960 et seq.) mal-*partners* Libjani biex jaghmlu *joint venture* maghhom u meta kellem lil attur huwa kien kellmu ghan-nom taghhom.  Is-socjetajiet konvenuti wrew id-disinn tal-attur lill-*partners* taghhom, izda dana ma giex accettat minnhom. Hu ma jafx jekk kienux infurmaw lill-attur b'dan. Ghalhekk kienu qabbdu perit Ingliz biex jaghmel disinn iehor ghaliex riedu li dak li jibnu ikun fuq l-aqwa disinn (Dok. XX2 fol. 1081). MIH kienet hallset lill-attur tax-xoghol li kien ghamel billi l-kumpanija Libjana Medina Towers ma kinitx ghada giet registrata bhala kumpanija. Dawn il-flus wara gew rifuzi lilhom mill-kumpanija Libjana. Fil-Libja l-attur kien tkellem mal-*partners* taghhom u anke kkorisponda maghhom. Huma kienu xtaqu li l-attur jahdem mal-periti Inglizi biex jaghmlu l-progett flimkien bhala 'Sidell Gibson Camilleri'. Fil-fatt meta applikaw mal- Awtoritajiet Libjani huma applikaw f'isem iz-zewg kumpaniji ta' periti.

Kien hu li introduca lil Perit Camilleri mal-Corinthia Group imma deher li l-attur ma xtaqx jimxi mal-andament kif kienu qeghdin jimxu huma. Is-Sur Pisani kien ghamel offerta lill-attur ghall involviment tieghu li l-attur kien accetta. Hu offra pakkett ta' *fees* liz-zewg periti u kif jinqasmu bejniethom kienet affari taghhom. L-Inglizi kienu qablu mal-pakkett ta' *fees* mentri l-attur webbes rasu u qal li mhux bizzejjed u donnu ma kienx ser ihalli l-progett jimxi 'l quddiem. Ghalhekk saru diversi laqghat f'Malta biex l-periti jilhqu qbil bejniethom kif ser jahdmu u jiffinalizzaw il-kuntratt billi ma kienx ghad hemm xejn formali f'dak l-istadju. L-attur deher li ma riedx jiehu decizjoni, ghalhekk ic-chairman tal-Medina Tower laqqa' meeting Londra biex jigi iffirmat il-kuntratt, l-attur m'attendiex u l-Inglizi ffirmaw wahedhom.

In kontroezami wiegeb li huma ppresentaw diversi disinni lill-Awtoritajiet Libjani inkluzi dak ta' Sidell Gibson (ara Dok. XX3 a fol. 1084) u Camilleri. Huma kellhom disinn diga ta' periti Malasjani li xtaqu jimpruvjaw fuqu (ara Dok. XX6 a fol. 1090).

Huma pprezentaw id-disinn tal-attur quddiem il-Bord tas-shareholders u dan wera thassib u talbuh ikellem periti ohra. Huma qabbdu lil Sidell Gibson biex jaraw l-iskema tal-attur u dawn ukoll wrew thassib. Huma hargu bl-iskema taghhom. Ghalhekk ipprezentaw l-iskemi kollha lil Awtoritajiet Libjani li qalu li riedu li d-disinn ikun b'torri wiehed, u billi d-disinn tal-attur kellha torri wiehed sejhu liz-zewg periti u qalulhom biex jahdmu flimkien fuqu (ara Dok. PC26 a fol. 465 proposta tal-attur kif kellhom jzvolgu l-affarijiet relatati mal-progett) u jizviluppaw disinn b'torri wiehed. Id-disinn ta' Sidell Gibson kien b'zewg torrijiet. L-attur kien jinsisti li l-iskema maghzula mill-Awtorità Libjana kienet dik tieghu (ara fol. 462 email PC25 datat 13 t'April, 2009 promemoria ta' dak li ntqal fil-laqgha tas-6 t'April, 2009 fejn gie infurmat li ntghazel il-progett tieghu). Kien hemm *Special Projects Committee* li japprova progetti simili apparti l-Awtorita tal-Ippjanar Libjana. Dawn urew preferenza ghal disinn b'torri wiehed, imma ma qalux li kienu qeghdin japprovaw id-disinn ta' Camilleri.

Hu kien ta intervista lit-Times ta' Malta (fol. 499 Dok. PC32) fejn kien qal li "*the vertical tower design concept was entrusted to Paul Camilleri and Associates, Sidell Gibson Architects of the UK were engaged to assist in developing the structural details*."

MIH kienet ghamlet hames (ara Dok. XX1 fol. 1060) pagamenti bejn 24/06/2009 u 22/12/2011 u lHI ghamlet zewg pagamenti fil-06/03/2010 u 06/04/2010. Dawn il-pagamenti saru kollha akkont lil periti Inglizi sakemm jigi konkluz il-kuntratt li kellu jinhadem flimkien bejn iz-zewg periti. Dawn l-ammonti thallsu lura minn Medina Towers JSC meta din giet iffurmata bhala kumpanija. Saru pagamenti ohra bejn it-03/11/2010 u 21/04/2013 li thallsu direttament minn Medina Towers lil Sidell Gibson li jammontaw ghal kwazi 3.9 miljuni. Il-pagamenti kienu saru ghaz-zewg periti billi kellhom jahdmu flimkien. Huma hallsu lil Sidell Gibson ghaliex l-invoices kienu johorguhom huma. Huma ghandhom ricevuta ta' pagament wiehed li ghamlu lil Perit Camilleri ta' €13,000 u kienu saru xi pagamenti minn Sidell Gibson lill-attur.

L-attur qatt ma tkellem mal-*joint venture* Medina Tower Joint Stock Company (MT JSC) *per se*, imma tkellem mieghu billi hu kien qabbdu, u mas-sur Pisani. Il-

pagamenti pre-contract lil Sidell mis-socjetajiet konvenuti MIH u lHI saru ghax il-kumpanija MT JSC ma kinitx ghadha giet iffurmata. L-attur kien baghat diversi reminders biex jithallas tal-*concept design* tieghu. Huma kienu ltaqghu mieghu biex jidduskutu kif ser jithallas u kien hemm kuntratt li qieghed jigi diskuss bejn il-partijiet fuq hekk. Hu jaf li l-attur kien ilmenta mieghu li l-periti Inglizi kienu qeghdin iwarrbuh u li huma kienu qeghdin jidhru bhala d-*drivers in the seat* (Dok. PC27 a fol. 470).

Waqt ix-xhieda moghtija fis-6 ta' Lulju, 2017, jispjega li l-kuntratt li eventwalment gie konkluz ma' Sidell Gibson, kien maqsum f'erba' stadji imqassmin bhala A, B, C u D. L-ewwel stadju A, huwa dak relatat mal-*concept design*, li kien jestendi fuq perjodu ta' sittax-il xahar, u li kien hemm dritt ta' €500,000 marbuta mieghu. Stadju B kien jinkludi d-dettal u li d-disinn tal-progett ikun tant li jwassal ghall-fazi tal-applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, sabiex jinghata permess. Dan il-perjodu tal-kuntratt kien jestendi ghal tlettax-il xahar u wkoll kien hemm dritt ta' €500,000 marbuta mieghu. L-istadju C, hija l-aktar parti dettaljata peress li kienet tinkludi d-dettalji tas-servizzi u disinji teknici li jinghataw lill-kuntratturi sabiex jimxu fuqhom. Dan kien jestendi fuq perjodu ta' sbatax-il xahar u bi hlas ta' €3,600,000. Wara dak, l-istadju D kellu jkun dak post-contract li baqa' ma sarx peress li l-bini ma nbedix. Huwa ritenut mix-xhud li ghalkemm il-kuntratt gie ffirmat f'Mejju 2012, ix-xoghol attwalment inbeda fi Frar 2009. Kien hemm diversi ragunjiet ghala l-kuntratt ma kienx iffirmat qabel, fosthom it-trattativi bejn l-attur u Sidell Gibson.

In kontroezami x-xhud jikkonferma li ghajr il-hlas inizjali ta' €13,600 favur l-attur, il-pagamenti kollha saru lil Sidell Gibson u li kif jirrizulta mid-dokument esebit minnu bhala Dok. XX1 (a fol. 1060), il-pagamenti favur Sidell Gibson li saru qabel ma gie ffirmat il-kuntratt f'Mejju, 2012, kien jilhqu €3,7500,000 (ara kontroezami tieghu waqt is-seduta tal-14 ta' Ottubru 2017).

Alfred Pisani xehed li kien qabbad lill-attur jaghmillu x-xoghol fuq progett il-Libja ma' *partners* Libjani. Dawn diga kellhom disinn li ghalihom ma kienx accettabili, ghalhekk hu qabbad lil attur jaghmel *concept design* gdid. Dan ukoll ma giex accettat minn naha tal-Libjani, ghalhekk talab kumpanija Ingliza biex taghmel disinn hi. Hu ried li l-attur jibqa' jahdem fuq il-progett mal-Inglizi avolja d-disinn tieghu ma kienx

intghogob. L-attur kien beda jahdem mal-kumpanija tal-periti Inglizi u ghamel certu xoghol sewwa. L-attur kien dejjem ighid pero li ma kienx kuntent bl-allokazzjoni ta' hlas li kien ha jiehu minn dana l-kuntratt. Hu baqa' jinsisti biex l-attur jiffirma il-kuntratt biex jibdew bil-progett. L-attur kien talbu €400,000 extra u hu kien lest li jaghtihomlu izda l-attur baqa' ma ffirmax l-istess. Hu cahad li kien qal xi diskors fis-sens li ried jehles mill-periti Inglizi u jzomm lill-attur biss jahdem fuq dan il-progett.

Fuq kontroezami wiegeb li skond il-prospectus (ara fol. 1114 Dok. L4) li hareg fil-14 ta' Gunju 2010 il-kumpanija MT JSC ma kinitx ghada giet registrata. Hu cahad li f’April 2009 kien rega ikkuntattja lil Paul Camilleri biex juzaw il-*concept design* tieghu. Ikkonferma li qabel giet iffurmata l-kumpanija Libjana n-negozjati saru mad-ditti taz-zewg periti u mhux ma' Sidell Gibson biss. Sakemm giet iffurmata l-kumpanija, l-pagamenti kienu isiru akkont tal-Medina Project u kienu isiru minn MIH u International Hotel Investments plc (IHI) (ara Dok. XXI a fol. 1060). Dawn il-pagamenti wara gew rifuzi lilhom mill-kumpanija Libjana.

Dr Clinton Fenech xehed li MIH kienet ppubblikat il-joint venture dwar il-Medina Towers f’*Press Release* li dehret fit-Times of Malta fis-sena 2009 (ara Dok. CF1 a fol. 598). Il-klijent (MT JSC) ried iqabbad periti Inglizi -Sidell Gibson- biex jikkollaboraw mal-Perit Paul Camilleri fir-rigward tad-disinn u zvilupp tal-progett. L-avukati tal-periti bdew jahdmu fuq draft agreement bejniethom biex jigi pprezentat lill-klijent (ara Dok. CF2 a fol. 596 et seq.). Il-klijent kien qieghed jinnegozja mal-Perit Paul Camilleri dwar *licence agreement* fuq il-*concept design* maghmul mill-Perit Camilleri. Fl-ewwel abbozz ippreparat mill-Perit Camilleri, il-klijent deher bhala MIH (Dok. CF3 a fol. 667) izda wara l-attur accetta li l-klijent kien MT JSC (Dok. CF4 a fol. 726). Il-Perit Camilleri ried li MIH tkun garanti tal-pagament tal-licenza (CF5 a fol. 738) tal-*concept design* mal-klijent, izda dan ma kienx accettabbili ghalihom billi MIH kienet *minority shareholder* u l-progett kien tal-kumpanija MT JSC u mhux taghha biss.

In kontroezami wiegeb li hu beda jigi involut f ‘il-kaz meta kellhom bzonn jiddraftjaw il-kuntratt tal-periti. L-involviment tas-Sur Pisani u Reuben Xuereb mal-Perit Paul Camilleri beda qabel ma beda jinvolvi ruhu huwa fih. Il-*concept design* tal-Perit

Camilleri kien sar circa s-sena 2009. Il-Kumpanija MT JSC giet inkorporata f'Lulju/Awissu 2010. Qabel ma giet registrata l-kumpanija, kien hemm persuni li gew imqabbda minnhom biex jaghmlu xi xoghol jew jaghtu servizz. L-attur kien ghamel bicca xoghol li taghha kien thallas. QPM Ltd u Sidell Gibson kienu qeghdin jaghmlu xoghol qabel giet registrata l-kumpanija Libjana, u l-periti Inglizi kienu thallsu somom ta' flus, B'referenza ghal email a fol. 506 datata 21/12/2010 u ohra datata 17/12/2010 jghid li l-attur kien qieghed jinsisti li r-relazzjoni legali tieghu kienet f'dak l-istadju ma' MIH u li kienet tapplika t-tariffa tal-Kap. 12 fir-rigward tal-fees tieghu. L-attur kien lest li jaccetta fee ta' €400,000 bil-kundizzjoni li hu jibqa' involut fil-progett (ara Dok. AX1 a fol. 1007). Huma ma kienux accettaw li MIH tidhol garanti ghal dak il-pagament billi ma kienux l-unici *shareholders* f'dak il-progett. Hu ma jistax jikkonferma li l-attur kien accetta li titnehha dik il-kondizzjoni ladarba gie maqbul li l-pagament isir f'darba.

Ronald Daniel Sidell xehed li fil-bidu tas-sena 2009 kien gie ikkuntattjat minn Reuben Xuereb ghan-nom ta' Medina Tower biex jara hux interessat f'progett fil-Libja. Kien ghamel xi proposti inizjali li pero ma gewx accettati mill-Awtorità Libjana. F'April 2009 gie mistieden Malta u ltaqa' mal-Perit Camilleri li kien qal li kien ezamina d-disinn tal-periti Malasjani u dehrlu li ma kienx adattat u offra li jaghmel id-disinn hu. L-attur ghamel *design concept* forma ta' "S", izda hu dehrlu li dan id-disinn ma kienx *workable* u mhux *commercially viable* fil-forma li kien. Il-klijent ma kienx kuntent lanqas u talabhom biex jahdmu flimkien. Gie deciz li l-ufficcju tieghu kellu jkun il-periti arkitetti u Camilleri s-*structural engineers*. L-attur ma kellux ir-rizorsi ghal dana l-progett hekk kbir, ghalhekk iddecidew li l-attur jiehu *a supporting role* sakemm il-kuntrattur jibda' fuq is-sit. Hu ma kienx jaf li Camilleri kien ghamel xi xoghol iehor hlief il-*concept design* preliminari. Kienu ftehemu li Camilleri jiehu €200,000 ghal *initial concept work* u *monthly retainer* ta' €10,000 ghal 12-il xahar. Sar jaf imbaghad li Camilleri talab €150,000 ohra ghax xoghol ta' *structural design* li fil-fatt kien qieghed isir mill-Perit Fredrick Ellul. L-attur kien qieghed jippretendi *additional fee*, fuq dak miftiehem, ghal *copyright* tal-*concept design*. Huma kienu lahqu ghamlu pagament ta' €20,000 lil Camilleri li hu kien accetta. Ix-xoghol fuq il-progett waqaf ghal xi zmien minhabba l-inkwiet fil-Libja, mbaghad wara 18 il-xahar regghu bdew jiddiskutu u jirrinegozjaw il-fees. Camilleri baqa' jipprocrastina u ma accettax il-fees lanqas li kienu ftehmu qabel. Imbaghad Camilleri rtira mill-progett u huma ffirmaw il-

kuntratt mal-klijent wahedhom. Illum il-gurnata, l-progett hu rizultat tad-*design* u *architectural development* maghmul minn Sidell Gibson u *structural engineering* ta' CS Engineers Ltd.

In kontroezami quddiem il-perit legali, x-xhud muri Dok. XX2 a fol. 1081, ikkonferma li l-*outline brief* effettivament inghatatlu mill-klijent fl-24 ta' Ottubru 2008 (u mhux fil-bidu tas-sena 2009). Ikkonferma li d-ditta Sidell Gibson ippreparat id-disinn preliminari taghha f'Novembru 2008, kif jirrizulta mid-Dok. XX3 a fol. 1089. Ix-xhud jishaq li d-ditta tieghu kienet hadmet fuq id-dettal ta' dawn id-disinni, frott ta' diskussjonijiet mal-klijent sabiex finalment twassal id-disinni taghha fil-fazi t'applikazzjoni ghall-permess. Fil-fatt fid-9 ta' Jannar 2009, ippreparaw ghall-klijent dokument iehor, aktar estensiv. Mill-informazzjoni li kellhom, l-Awtorità tal-Ippjanar Libjana tat il-preferenza taghha li jkun hemm torri wiehed u mhux tnejn (kif propost minnhom). F'April 2009 intalbu jattendu laqgha f'Malta li ghaliha kien prezenti l-attur, fejn intalbu jaghtu l-opinjoni taghhom dwar l-efficenza ta' disinn alternattiv li kien dak tal-perit Paul Camilleri. Huwa kellu r-rizervi tieghu dwar kemm dan id-disinn kien efficjenti fir-rata ta' bejn 90% u 95% kif sostnut mill-attur, u ghalhekk taw il-kontribut taghhom ghal dan id-disinn arkitettoniku sabiex ikun aktar realistiku, haga fundamentali fl-opinjoni tieghu f'kaz ta' investment kummercjali ta' dan it-tip. Ghalkemm jikkoncedi li l-attur kellu disinn interessanti, kien jonqos hafna xoghol xi jsir sabiex ikun kummercjalment vijabbli. Wara din il-laqgha, l-klijent wera x-xewqa li jahdmu z-zewg periti flimkien bhala shab fuq il-kuncett ta' torri wiehed li kien jinkludi d-disinn fuq il-bazi ta' "S" li s-sulari tieghu kienu jizdiedu minn naha ghal ohra. L-estent tal-bini u l-gholi tal-bini kwazi irdoppja, kif ukoll sehhew bidliet ohra. Fil-fehma tieghu ma kienx daqshekk facli li wiehed jaqsam il-mansjonijiet kif indika l-klijent, izda kien lest li jikkollabora, kif mitlub mill-klijent. Kellu struzzjonijiet minghand Reuben Xuereb li fl-esebizzjonijiet taghhom jigi ndikat li s-*signature architecture* kienet ta' Paul Camilleri, filwaqt li giet zviluppata ulterjorment minn Sidell Gibson Camilleri. Jghid ukoll li wara l-laqgha t'April 2009, l-istruzzjonijiet tal-klijent kienu fis-sens li huma jkomplu jizviluppaw l-aspett arkitettoniku, filwaqt li l-attur kellu jizviluppa l-aspett t'inginerija.

Sidell ikompli jixhed in kontroezami, li fil-fehma tieghu l-ftehim ta' shubija mal-attur qatt ma kien iffirmat peress li l-attur qatt ma accetta li jkollu sehem ta' 49 %, filwaqt li huma jkollhom 51%. Jispjega li l-hlas originarjament miftiehem kien dak ta' €4 miljuni li minnhom l-attur kellu jithallas €200,000 f'daqqa u €120,000 ohra fuq medda ta' sena. Eventwalment id-drittijiet taghhom telghu ghal €8 miljuni (Appendix "C" a fol. 1305 tal-kuntratt tat-3 ta' Mejju, 2012). L-esperti strutturali CS Design kienu nkarigati mill-attur u kienu johorgu l-fatturi taghhom lil Sidell Gibson Camilleri. Ix-xhud jikkonferma l-kontenut ta' Dok. L2 esebit a fol. 1041 u 1042, fejn issir referenza ghall-progett ta' Medina Tower, bhala disinn ta' Sidell Gibson Architects (London) u Paul Camilleri & Associates (Malta), li nghaqdu ghal dan il-progett.

In ri-ezami, mistoqsi jekk il-kuncett ta' disinn zviluppat mill-periti Inglizi kienx simili jew differenti ghal dak tal-attur, ix-xhud jispjega li ghalkemm zammew l-idea ta' forma b'kurva fuq bazi rettangolari, bidla fundamentali bejn il-kuncett tal-attur u dak finali kienet li d-disinn originali tal-attur ma kienx jipprovdi soluzzjoni kummercjalment vijabbli. L-Ingilterra d-definizzjni ta' kuncett jinkludi li jkun hemm stimi finanzjarji fejn jinhareg persentagg ta' spazju ghall-bejgh kumparat mal-arja kollha a disposizzjoni tal-progett, l-hekk imsejha "*net gross*" li l-attur stmaha bhala 90% mentri realistikament din tkun madwar 65%-70%. Sussegwentement jelenka wkoll il-bidliet adoperati mill-ufficcju tieghu fid-disinn, fosthom li l-bini nbidel minn wiehed ta' 30 sular ghal wiehed ta' 42 sular. Inkludew ukoll is-segwenti: *proper floor to floor flights, more workable internal arrangements, reconfiguration for workable structural solutions, main uses were changed to include conference rooms and roof gardens, omission of cinemas on the roof, office and residential accommodation was arranged in vertical blocks to create contemporary commercial space, proper entrancing, better views for the apartments, reconfiguration of basements to allow for workable servicing, car parking, storage, vertical access – lifting – developed with practical service cause; development of structural systems; consideration of mechanical and electrical services and provision for practical incorporation of these services, change of façade design, addition of balconies to residential façades, and omission of steel mesh covering the surface.*

Sidell jikkonferma li l-istruzzjoni originali tal-klijent kienet ghal bini ta’ tletin sular b’sitt *cinemas* li wassalhom sabiex jipprezentaw l-ewwel disinn taghhom ta’ zewg torrijiet fuq tletin sular, izda maz-zmien dawn il-kriterji nbidlu mill-istess klijent. Jikkonferma li d-deskrizzjoni tal-bini propost kif jirrizulta minn Dok. L2, cioè dik ta’ *“S shaped building which rises spirally from one end to the other end”; “the two concaves of the S correspond to the two buildings at the side of the project”; “the S-shape enhances sea views”; “that the orientation of the building starts off perpendicular to the Organisation of the African Unity Road and then shifts towards the middle of the site to be in line with the mosque at the rear”* huma kollha fatturi nkluzi fid-disinn tal-attur.

Dr J.J. Vella xehed Ii kien avvicinah is-Sur Pisani u qallu Ii l-attur kien qieghed ikaxkar saqajh biex jikkonkludi ftehim Ii kellu jsir bejnu u periti Inglizi ma' kumpanija Libjana MT JSC. Kien iltaqa’ mal-attur u dana semma Ii sehemu bhala fees f'dak il-progett ma kienx kemm kellu jkun. Saru diskussjonijiet biex tigi ffurmata kumpanija bejn l-attur u periti Inglizi biex imexxu dan il-progett u anke tqabbdet ditta ta' avukati biex jippreparaw il-ftehim. L-attur kien hass Ii l-progett kien bdih huwa imbaghad gew il-periti Inglizi u hadu over u spicca biex ir-rikavat tieghu kien ser jinqasam mal-periti Inglizi u dan ma kienx ser ikun bizzejjed ghax-xoghol li kien ser jaghmel. Is-Sur Pisani ghamel proposta biex il-Perit Camilleri jinghata somma ohra ghall-*concept design* tieghu u mbaghad din issir ta' Medina Towers. Id-Dok. N3 a fol. 952 huwa proposta ta' ftehim ma' Medina Tower dwar l-hlas ghall-*concept design* tal-attur izda dan il-ftehim ma ntlahaqx. Kienu gew Malta anke nies minn naha tal-*partners* Libjani Ii bdew jinsistu Ii l-periti jaghmlu l-*joint venture* u jiffirmaw ftehim. Huma kienu lesti li joffru somma flus izda ma kienux ser jidhlu kif ghandha tinqasam bejniethom. Izda ma ntlahaqx qbil bejn il-periti. Huma tawhom *deadline* u l-Inglizi kienu accettaw Ii jiffirmaw il-kuntratt wahedhom mentri l-attur irtira mill-progett. Il-kuntratt kien gie soggett ghal-ligi Libjana. Illi l-attur ma kellu ebda dubju dwar min kien il-klijent u dana kif jidher mis-*side agreement* li kien ser isir fuq il-*concept design payment* fejn l-attur ried anke jdahhal lil MIH bhala garanti liema proposta pero ma gietx accettata.

In kontroezami l-avukat Vella xehed li d-disinni tal-progett kienu l-frott taz-zewg periti, l-perit Camilleri u l-input tal-periti Sidell Gibson, però l-perit Camilleri baqa’ jinsisti li jekk wiehed ihares lejn il-kuncett tad-disinn, dan kien principalment rizultat tal-hsieb

tieghu u kien fuq dan il-hsieb li kien sar tentattiv sabiex isir trasferiment tal-*concept design.* Dan apparti li kien prospettat li tigi ffurmata kumpanija Sidell Gibson Camilleri, li sussegwentement kellha tinghata l-kuntratt ta' servizzi ta' Arkitett u Inginier. Izda minkejja d-diskussjonijiet twal, il-kuntratt bejn Sidell Gibson u Camilleri baqa' ma sarx, kif lanqas ma gie konkluz il-ftehim tat-trasferiment tal-*concept design.* Ghalkemm huwa ntervjena direttament fis-sena 2012 sabiex jigi konkluz il-ftehim mal-perit Camilleri dwar il-*concept design,* huwa m'eskludiex li dan il-kuncett kien suggett ta' diskussjonijiet bejn il-partijiet fil-kawza qabel din id-data. Ix-xhud kien iddiskuta l-problema tal-attur diversi drabi mieghu, izda qatt ma dahal fid-dettal ta' l-estent tax-xoghol li kien sar u fuq il-kwistjoni tal-pagamenti li saru.

Il-Perit Frederick Ellul xehed li hu kien tqabbad jaghmel xi xoghol fuq dana il-progett mill-Perit Adrian Falzon ghan-nom tal-attur. Hu kien jaf li l-Perit Camilleri kien qieghed jahdem ma' periti Inglizi. Fil-bidu hu hadem taht il-kumpanija tal-Perit Falzon 'CS Design' imbaghad ifforma kumpanija mieghu 'CS Engineers Ltd' f'Jannar 2010. Huwa hadem fuq id-design for the Diaphragm Wall u t-Tender Package li hareg f'Novembru 2009 f'isem Sidell Gibson Camilleri bil-header tal-klijent Medina Tower. Billi x-xoghol kien qieghed isir Londra ghand il-periti Inglizi huma bdew jahdmu maghhom minn hemmhekk. Il-klijent taghhom imbaghad sar Sidell Gibson. Il-kontijiet kien jibghathom lil 'Sidell Gibson Camilleri', izda effettivament kienu "jithallsu mill-kont ta' Sidell Gibson biss". Sidell Gibson u Paul Camilleri kellhom jiffurmaw kumpanija imsejha Sidell Gibson Camilleri, fejn l-Inglizi SG jizviluppaw l-*architecural scheme* waqt li l-attur kellu jkun responsabbili ghas-*structural design*.

In kontroezami jikkonferma li l-fatturi originarjament kienu nhargu lil Sidell Gibson Camilleri, in konnessjoni ma' progett bejn Sidell Gibson u Camilleri, izda wara s-sena 2013, dawn ma baqghux jahdmu flimkien. Huwa qatt ma tqabbad jahdem fuq progett b'zewg torrijiet, izda dejjem fuq bini li kellu l-forma ta' "S" li jitla' f'livell minn naha wahda san-naha l-ohra. Qatt ma kien involut f'diskussjoniijiet dwar il-kuncett tad-disinn.

Bashir El Saleh xehed li hu ma ghandu ebda posizzjoni fil-MIH u IHI imma fil-EDREICO, li hija s-sid tal-art li fuqha kellu jinbena l-Medina Tower. EDREICO

ghandha 50% share fil-kumpanija MT JSC mentri MIH 25% u IHI 25%. Huma kellhom jiffurmaw kumpanija li tigi registrata l-Libja bl-isem MT JSC kif tezigi l-ligi Libjana, billi l-progett kien lokalizzat fil-Libja. L-attur kien jaf bl-ezistenza tal-kumpanija EDREICO sa minn April 2009 kif jirrizulta mid-dokumenti BS1 u BS2. a fol. 761/2. Hu kien jaf li l-izviluppatur kien ser ikun kumpanija rregistrata l-Libja. L-attur kien qieghed jahdem mal-grupp ta' kumpaniji Maltin u Libjani MT JSC u mhux ma' xi wiehed minnhom individwalment. Fil-bidu MT JSC kienet issuggeriet li Camilleri u Sidell Gibson jiffurmaw *joint venture* izda l-attur ma tantx deher favur dan is-suggeriment, imbaghad fit-3 ta' Mejju 2012 MT SJC iddecidew li jqabbdu lil Sidell Gibson biss meta deher li Camilleri ma riedx jippartecipa fil-progett. Fil-bidu l-kumpanija Maltija kienet irrakommandat lil Perit Camilleri biex jezamina *concept design* li kien gie ppreparat minn periti Malasjani. Fil-kors tan-negozjati MT SJC ndunaw li l-Perit Camilleri ma kellux ir-rizorsi bizzejjed biex jidhol ghal dan il-progett hekk kbir u ghalhekk iddecidew li jdahhlu lill-periti Inglizi Sidell Gibson. Meta dawn dahlu, l-progett seta' jibda u l-pjanti finali maghmula minnhom gew approvati mill-*planning authority* Libjana.

In kontroezami jispjega li huwa beda mal-EDREICO fl-2008 bhala membru tal-Bord u *Deputy Chairman* filwaqt li s-sur Bani kien ic-*chairman.* Jispjega li l-kumitat fi hdan l-Awtorità tal-Ippjanar ghazlet id-disinn tal-periti Malasjani, wara li kien hemm kompetizzjoni. Jispjega li wara li bdew Joint Venture mal-Grupp Corinthia, huma ssuggerew li d-disinn seta' jitjieb u ssugerew li jdahhlu perit iehor sabiex johrog b'xi kuncett differenti u ahjar. Jaf ukoll li Sidell Gibson gew inkarigati wkoll johorgu b'disinn izda huwa ma kienx involut fid-*day-to-day running.* Izda jaf li fl-ahhar mill-ahhar intghazel disinn f'forma ta' "S" li joghla fil-livell ta' sulari fuq naha aktar minn ohra. Huwa ma jichadx l-involviment tal-attur, fis-sens li huwa ssottometta disinn tieghu, izda jishaq li l-attur intalab li jahdem f'*joint venture* ma' Sidell Gibson sabiex jizviluppaw dan il-kuncett. Ghalkemm fil-bidu Camilleri u Sidell Gibson bdew jahdmu flimkien, dawn eventwalment ma baqghux jiftehmu u ma jafx ir-raguni tad-disgwid li nqala' bejniethom.

Taher F. Siala xehed li hu Chairman tal-MT JSC u jirraprezenta lil EDREICO fil-50% sehem li hija ghandha fil-Medina Tower. Hu kien iltaqa' diversi drabi mal-attur il-Libja

u ddiskuta mieghu l-involviment tieghu fil-progett. Il-kumpanija qabbdet lil Sidell Gibson u lil Camilleri bhala periti tal-kumpanija MT SJC u ssuggeritilhom biex jiffirmaw *joint venture* bejniethom, izda Camilleri kien qieghed jirresisti din l-idea. Minhabba f'hekk il-kumpanija finalment ghamlet ftehim mal-perit Inglizi wahedhom fit-3 ta' Mejju 2012.

In kontroezami jixhed illi huwa qatt ma kien parti mill-Bord ta' EDREICO u li l-involviment tieghu beda ghall-habta tas-sena 2009-2010. Ma kienx involut fl-ewwel negozjati bejn il-Corinthia u EDREICO, kif lanqas ma kien involut fl-ewwel pjanijiet ghal Medina Tower fis-sena 2008. Izda kien konsapevoli ta' l-ewwel disinn maghmul mill-periti Malasjani, li kien approvat mill-Awtorità Libjana ghall-Ippjanar. Jikkonferma li taht il-ligi Libjana, il-kuncett ta' disinn innifsu jehtieg l-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar. Sussegwentement, din il-fazi hija segwita mid-disinn preliminari, li tinkludi d-dettal tal-istrutturi. Jikkoncedi li ma kienx jaf li l-attur kien ilu jahdem ma' Sidell Gibson ghal xi ftit snin, izda meta kienu jorganizzaw il-laqghat, kien jirrizultalu li l-attur ma kienx herqan li jidhol fi shubija ma' Sidell Gibson, peress li darba mar tard ghal-laqgha u darb'ohra lanqas biss deher ghal-laqgha. Ghalkemm huwa kien involut fil-formazzjoni tal-kumpanija tal-progett tal-Medina Tower sa mis-sena 2009, huwa jaf li l-kumpanija ma gietx iffurmata mal-ewwel u li ttardjat xi ftit sabiex twaqqfet. Jixhed li huwa normali li kuncett jew disinn preliminari jigi emendat tul iz-zmien. Muri d-disinn Malasjan, jghid li dan huwa hafna izghar minn dak li eventwalment spiccaw bih, kif lanqas m'hu d-disinn ta' zewg torrijiet ta' Sidell Gibson dak li fl-ahhar mill-ahhar intuza. Izda d-disinn li ntghazel huwa dak fil-forma ta' "S" li huwa oghla fuq naha milli fuq in-naha l-ohra.

**Fatti**

Illi dina l-kawza tirrigwarda talba tal-attur biex is-socjetajiet konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghall-hlas tad-drittijiet dovuti lilu ghal servizz professjonali ta' perit arkitett u inginier civili rezi minnu in konnessjoni mal-progett bl-isem Medina Towers gewwa Tripoli, Libja, kif ukoll spejjez inkorsi relatati mal-istess servizzi u xoghlijiet.

**Gurisdizzjoni**

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom s-socjetajiet konvenuti wiegbu li din l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiddeciedi dina l-kawza billi minn dak dikjarat mill-attur il-prestazzjoni kellha tigi ezegwita barra minn Malta u ghalhekk ma tistax tigi nfurzata f'Malta.

Illi l-artikolu 742 tal-Kap. 12 isemmi l-persuni li jaqghu taht il- gurisdizzjoni tal-Qrati Civili ta' Malta, fosthom hemm:

> (d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, izda ghall-kawzi biss li ghandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;
> (f) kull persuna, ghal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur cittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalita guridika distinta jew assocjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;

Illi fil-kaz in ezami, kemm il-kreditur kif ukoll is-socjetajiet konvenuti citati bhala d-debituri, huma cittadini Maltin, u s-sentenza li jista' jottjeni l-attur kontra s-socjetajiet konvenuti ghal hlas tad-drittijiet professjonali tieghu kif mitluba tista' tigi esegwita f'Malta kontra s-socjetajiet konvenuti. L-attur ma kien iffirma ebda kuntratt mal-kumpanija Libjana (Dok. RX3 fol. 924) qabel ma dina giet kostitwita u rregistrata u x-xoghol li tqabbad jaghmel l-attur kien mis-socjetajiet konvenuti u dan riferibilment ghaz-zmien qabel il-formazzjoni tal-istess kumpanija. Illi fil-fatt anke jirrizulta f'dak l-istadju kienu saru pagamenti mis-socjetajiet konvenuti ghal dana x-xoghol lill-periti mqabbda. Ghalhekk dina l-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi dana l-kaz u konsegwentement l-eccezzjoni qeghda tigi michuda. Din il-Qorti lanqas taqbel mas-socjetajiet konvenuti fejn jinghad minnhom li l-prestazzjoni tax-xoghol kellha tigi ezegwita barra minn Malta peress li il-post principali fejn l-attur jezercita l-professjoni tieghu huwa Malta u s-servizzi principali li taghhom qieghed jintalab hlas fil-kawza odjerna, jitrattaw skizzi, disinnji, kalkoli u stimi, kollu xoghol li jsir fl-ufficcju tal-perit li jinsab stabbilit hawn Malta.

**Legittimu kontradittur**

Illi s-socjetajiet konvenuti wiegbu wkoll li mhumiex il-legittimi kontradittturi tal-attur billi huma qatt ma tawh xi inkarigu professjonali in konnessjoni mal-progett tal-Medina Towers kif allegat minnu u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi f'dan il-kaz iz-zewg socjetajiet konvenuti kienu dahlu fi shubija mal-*partners* Libjani 50:50. Hamsin fil-mija l-Libjani (EDREICO); hamsa u ghoxrin fil-mija MIH u hamsa u ghoxrin fil-mija IHI sabiex giet iffurmata MTJSC. Jirrizulta wkoll mill-provi li kemm MIH kif ukoll IHI kien ghamlu pagamenti lill-periti qabel giet registrata l-kumpanija Libjana (Dok. XX1 a fol. 1060). Ghalhekk iz-zewg socjetajiet konvenuti jridu jwiegbu ghat-talbiet attrici.

Mill-provi prodotti, l-Qorti tifhem li b'dina l-eccezzjoni s-socjetajiet konvenuti jridu jghidu li huma mhumiex il-legittimi kontradditturi ghaliex skonthom l-inkarigu li nghata lill-attur minnhom kien ghal kumpanija Libjana MT-JSC, li taghha kien il-progett li fuqu l-attur kellu jahdem u li huma kienu biss *partners* maghhom.

Il-provi juru li l-attur kien gie mqabbad mis-socjetajiet konvenuti biex jahdem fuq il-progett tal-Medina Towers, Tripli, ghall-ewwel darba, fis-sena 2008. Eventwalment hu sar jaf li s-socjetajiet konvenuti kellhom *partners* Libjani; li kienet ser tigi ffurmata kumpanija Libjana li kellha l-progett tal-Medina Towers u li ma kienx ser jahdem wahdu fuq il-progett, imma kellu jahdem ma' ditta ta' periti Inglizi. Sakemm u qabel giet registrata l-kumpanija Libjana MTJSC fis-sena 2010, hu kien jiehu l-istruzzjonijiet mis-socjetajiet konvenuti, u senjatament minn Reuben Xuereb, is-sur Alfred Pisani u l-QPM. Irrizulta li anke f'dak l-istadju, is-socjetajiet konvenuti, u mhux Medina Towers, kienu qeghdin jaghmlu l-pagamenti lill-attur (Dok. AP2 u AP3 a fol. 891 u 892) u lill-periti Inglizi (Dok. PC 30 a fol. 485 *et seq* tal-process u Dok XX1 a fol. 1060) ghax-xoghol li kienu qabbduhom jaghmlu. Is-socjetajiet konvenuti jghidu wkoll pero, li dawn il-flus gew rifuzi lilhom mill-kumpanija Libjana meta sussegwentement dina giet iffurmata. Imma sa dak l-istadju l-attur ma kienx ghadu mqabbad fuq il-progett formalment b'kuntratt mill-kumpannija Libjana u ghalhekk is-socjetajiet konvenuti kienu ghadhom responsabbili ghax-xoghol li kienu qabbdu lill-attur jaghmel. L-attur kien qieghed jaghmel ix-xoghol skont ma jordnawlu s-socjetajiet konvenuti u n-negozjati li kellhom iwasslu ghal ftehim formali, hu kien qieghed jaghmilhom mas-socjetajiet konvenuti u l-avukati taghhom.

Il-fatt li, kif rilevat mis-socjetajiet konvenuti fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, li l-attur kien jaf li kellhom shab Libjani sa mis-sena 2008, li jinkludi wkoll fil-korrispondenza tieghu nies bhal Mohamed Banoun, Hatem Benfayed u Ali Bani dwar l-izvilupp tal-progett, u li kien qieghed jiltaqa’ wkoll ma’ Bashir El Saleh u Taher Siala qabel ma giet imwaqqfa l-kumpanija MTJSC, u ma jeskludix li l-attur kellu rabta guridika mas-socjetajiet konvenuti. Kif lanqas il-fatt li l-abbozzi ta’ ftehim li eventwalment bdew jigu ccirkolati bejn il-kontendenti u l-avukati taghhom, kienu jaghmlu referenza ghal MTJSC, peress li sa dak l-istadju l-attur kien lahaq wettaq xoghol u sahansitra thallas mis-socjetajiet konvenuti. Wara kollox, kif gustament rilevat mill-attur kemm fin-nota ta’ sottomissjonijiet, kif ukoll waqt it-trattazzjoni, is-socjetajiet konvenuti kienu shab fil-kumpanija MTJSC u bhala socjetajiet kummercjali huma ritenuti debituri solidali mas-shab taghhom Libjani ghal obbligazzjonijiet kummercjali (Artikolu 115 (1) tal-Kodici tal-Kummerc) salv dejjem id-dritt taghhom ta’ rivalsa fil-konfront tas-shab Libjani.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-inkarigu lill-attur kien nghata qabel giet kostitwita l-kumpanija Libjana. Konsegwentement hija nfondata l-pretensjoni tas-socjetajiet konvenuti li huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Irrizulta li huma, u mhux il-kumpanija Libjana, huma legittimi kontraditturi tal-attur ghaliex huma kienu hatru lill-attur ghall-izvilupp tal-progett, u f’dak l-istadju ma kien ghadu sar ebda ftehim mal-kumpanija Libjana.

**Mertu**

Fil-mertu, is-socjetajiet konvenuti wiegbu li huma kienu qabbdu lill-attur fuq xi xoghol iehor li tieghu kien thallas. Dwar dan xehed l-attur u qal li hu kien gie inkarigat janalizza pjanti ta’ progett propost bhala Medina Towers, gja Al Fateh Tower li gew imhejjija minn ditta ta' periti Malasjani u jara l-adattabilita taghhom ghal sit partikolari gewwa l-Libja, Tripoli fejn kellu jsir progett (Dok. PC 25 a fol. 512). Hu kienipprezenta rapport u xehed li ta' dana x-xoghol huwa kien thallas pjenament mill-MIH.

Illi l-attur ipprezenta dina l-kawza ghal hlas ta' xoghol iehor li huwa gie mqabbad jaghmel mis-socjetajiet konvenuti fuq il-progett ta' Medina Towers, li tieghu ma

thallasx. Hu ma kompliex bl-inkarigu li kien gie moghti ghax ma setghax ikompli jahdem fuq il-progett taht il-kundizzjonijiet li riedu s-socjetajiet konvenuti.

Illi s-socjetajiet konvenuti wiegbu li l-ammont pretiz mill-attur huwa ferm esagerat u eccessiv, u la gie pattwit u wisq anqas tista' tigi applikata t-tariffa "K" tal-Iskeda "A" tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta meta l-allegati prestazzjonijiet tas-servizzi professjonali peritali kellhom jigu ezegwiti barra minn dawn il-gzejjer.

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru, 1987 fl-ismijiet **Arkitett u Inginier Civili Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**" inghad li l-kuntratt li bih perit arkitett u l-klijent tieghu jiftiehmu li l-perit ghandu jirrendi s-servigi professjonali tieghu huwa kuntratt ta' kiri ta' xoghol u industrija. Dan il-kuntratt, bhal kuntratti bilaterali kollha, huwa soggett ghall-kundizzjoni risoluttiva tacita; ghalhekk jekk wahda mill-partijiet ma tharisx l-obbligazzjoni taghha, l-parti l-ohra tista' taghzel jew li ggieghel lill-parti l-ohra tersaq ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni, meta dan jista' jkun, jew titlob li jinhall il-kuntratt flimkien mal-hlas tad-danni ghan-nuqqas ta l-esekuzzjoni tal-kuntratt.

Sa fejn jinghad mis-socjetajiet konvenuti li t-Tarriffa K mhix applikabbli ghall-kaz in ezami peress li l-prestazzjoni ta' servizzi kellhom jigu ezegwiti barra minn Malta, jibda billi jigi osservat illi fir-relazzjoni bejn perit u klijent jemergi li principalment il-perit jipprovdi servizz intellettwali. Kif inghad qabel, il-post principali fejn l-attur jezercita l-professjoni tieghu huwa Malta u s-servizzi principali li taghhom qieghed jintalab hlas fil-kawza odjerna, jitrattaw skizzi, disinnji, kalkoli u stimi, kollu xoghol li jsir fl-ufficcju ta' perit. It-Tariffa K issemmi diversi aspetti, fosthom ix-xoghol imwettaq u l-pagament misthoqq. Il-fatt li l-izvilupp propost kellu jsir il-Libja, m'ghandux jeskludi a priori l-applikabbilità tat-tariffa K. Fin-nuqqas li jirrizulta ftehim bil-miktub dwar id-drittijiet ta' perit, ghandha tapplika t-tariffa K, li madankollu ghandha tigi applikata ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami, li jirrizultaw mill-provi in atti.

Fil-kaz in ezami ma hemmx dubbju li l-attur kien gie mqabbad mis-socjetajiet konvenuti biex jahdem fuq il-progett tal-Medina Towers. Lanqas ma huwa ikkontestat li hu ntalab jahdem fuq *concept design* ta' dana l-progett. Jirrizulta wkoll li l-attur

ghamel xhur jahdem mal-periti Inglizi fuq id-*design development* tal-istess progett, hu bhala structural engineer u l-periti Inglizi bhala l-arkitetti, u dana qabel ma gie iffirmat il-kuntratt. Fil-fatt kienu qeghdin isiru negozjati bejn l-attur u l-periti Inglizi biex tigi ffurmata *joint venture* bejniethom u ftehim fuq ir-rwol u s-sehem ta' kull wiehed minnhom. Il-ftehim pero' ma ntlahaqx, l-attur ma kompliex bil-partecipazzjoni tieghu fil-progett u l-periti Inglizi ffirmaw il-kuntratt mal-kumpanija Libjana wahedhom (Kuntratt datat 3 ta’ Mejju, 2012, esebit bhala Dok. MIH 0001 a fol. 1251). L-attur hareg il-kont tax-xoghol li huwa kien ippresta, imbaghad meta ma thallasx saret il-kawza odjerna.

L-attur issottometta li f’dan il-kaz kien hemm bhal constructive dismissal billi l-kondizzjonijiet li bihom hu gie imqabbad jahdem tbiddlu hekk kif kien qieghed isir ix-xoghol fuq il-progett u ghalhekk ma setghax ikompli. Minn naha l-ohra s-socjetajiet konvenuti jghidu li huma kienu ftehmu fuq prezz ghax-xoghol kollu li kellu jsir u ma ndahlux kif dina s-somma kienet se tigi spartita bejn l-attur u l-periti Inglizi.

Fil-fehma tal-Qorti l-kawza principali ghad-disgwid bejn il-kontendenti kienet il-kwistjoni dwar ir-rwol li kellu jiehu l-attur f’dan l-progett (ara Dok. PC31 a fol. 491 fejn l-attur jilmenta dwar l-attitudini u l-agir tal-periti Inglizi). Meta gie inkarigat mis-socjetajiet konvenuti biex jahdem fuq dan il-progett, l-attur haseb li hu kien ser ikun il-*leading architect* u li l-*concept design* tieghu kien dak maghzul u li fuqu kien ser jinhadem dana l-progett. Eventwalment skopra li hu kien se jkollu jikkollabora ma' ditta ta' periti Inglizi b'ufficcju akbar minn tieghu, u li kien ser ikollu jifforma parti minn *joint venture*. Imbaghad skopra wkoll li lanqas daqshekk ma kien se jkun ir-rwol tieghu, imma l-periti Inglizi kienu ser ikunu l-*leading architects* u huwa se jiehu post sekondarju bhala *consultant* jew *subcontractor* u mhux indaqs l-Inglizi. Effettivament, skond l-attur, l-perit Inglizi kienu ser jiehdu over il-progett huma. L-attur urta ruhu aktar meta sar jaf li s-socjetajiet konvenuti kienu dahhlu l-periti Inglizi minghajr ma infurmawh u kienu hallsuhom aktar flus minn wara dahru. Inoltre, l-attur ighid li s-socjetajiet konvenuti lanqas ma kienu nfurmawh li l-*concept design* tieghu ma kienx accettabili u li huma ghalhekk kienu qabbdu l-periti Inglizi. Hu ma setghax jaccetta li l-*concept design* tieghu jigi kkunsidrat bhala disinn wiehed fost tlieta (Dok. AX1 fol. 1007). L-attur kien jilmenta mas-socjetajiet konvenuti li hu ma kienx kuntent bl-

allokazzjoni ta' hlas li kien ha jiehu minn dana l-kuntratt billi dan kien ser jinqasam u ghalhekk ma kienx ser jkun bizzejjed ghax-xoghol li kien ghamel u li kien jonqsu jaghmel.

Is-socjetajiet konvenuti jissottomettu li l-attur ma kellux ir-rizorsi ghal dana l-progett hekk kbir, ghalhekk kienu ddecidew li hu kellu jiehu *a supporting role* sakemm il-kuntrattur jibda' fuq is-sit (ara xhieda ta' Sidell u Bashir El Saleh). Huma ghalhekk kienu qabbdu lil Sidell Gibson u lil Camilleri bhala periti tal-kumpanija MT SJC u ssuggerewlhom biex jiffurmaw *joint venture* bejniethom, izda Camilleri beda jirresisti din l-idea u eventwalment spicca ma ffirmax il-kuntratt. Skond is-socjetajiet konvenuti, meta dahlu l-periti Inglizi, l-progett seta’ jibda u l-pjanti finali maghmula minnhom jigu approvati mill-Awtorita ta’ l-Ippjanar Libjana. Huma jishqu li l-progett hu rizultat tad-*design* u *architectural development* maghmul minn Sidell Gibson u *structural engineering* ta' CS Engineers Ltd.

Din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li s-socjetajiet konvenuti kienu qabbdu lill-attur jaghmel xoghol fuq dana l-progett meta kien ghadu fl-istadju preparatorju u kienu ghadhom qeghdin isiru n-negozjati biex jigu ffirmati l-*agreements* fejn kellhom jigu formalizzati l-kondizzjonijiet dwar ix-xoghol li kellu jsir, minn min u l-pagamenti dovuti. F'dan l-istadju pre-kontrattwali l-partijiet ma kienux ghadhom jaqblu fuq ir-rwoli kien ser ikollhom il-periti u kif kellu jsir ix-xoghol fuq il-progett. Fil-fatt billi ma ntlahaqx qbil ma' l-attur, dan spicca biex ma ffirmax il-kuntratti u ma kompliex jippartecipa fil-progett. Jidher li minn naha wahda, l-attur haseb li hu kien ser jkun il-*leading architect* bid-disinn orginali tieghu, mentri l-partijiet l-ohrajn kienu qeghdin jaraw li l-attur ma kellux ir-rizorsi ghal dana l-progett enormi, u ghalhekk iddecidew li hu kellu jiehu *a supporting role*. Dan wassal biex l-attur ma jaccettax l-inkarigu kif propost mis-socjetajiet konvenuti u jkompli bil-progett.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-kontendenti fil-kawza, t-tnejn kellhom r-ragunijiet rispettivi taghhom, ghaliex hadu l-attitudini li hadu, imma l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li kien hemm constructive dismissal. Jibqa’ l-fatt però li tax-xoghol li tqabbad jaghmel l-attur, huwa ghandu jithallas. Dan jinghad a bazi tal-principju *omnia labor optat premium,* jigifieri min jaghti xi servizzi ghandu dritt li jkun

ikkumpensat ghax-xoghol li jaghmel. Kif inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-2 ta' Marzu, 2010, fl-ismijiet **Nicky Saliba v. Kunsill Lokali tan-Nadur:**

> Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak il-kwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti."

Meta din il-Qorti tapplika dan il-principju appena citat, ghall-fatti tal-kaz, jirrizulta li l-hlas ghad-drittijiet professjonali li qieghed jitlob l-attur huma (ara Dok. A a fol. 6 u Dok. PC33 a fol. 502, li fihom hemm indikat total ta' €3,247,879.20 Vat inkluz):

(i) €2,222,440 bhala fee ghal *concept design* plus VAT (Dok. PC28 a fol. 479 ittra datata 20/11/2009 mibghuta lil MIH);

(ii) €150,000 tax-xoghol li ghamel wahdu bejn Gunju/Settembru 2009 (Dok. PC27 a fol. 470);

(iii) €350,000 tal-involviment tieghu fid-*Design Development* tal-*concept design* mal-periti Inglizi; u

(iv) €30,000 bhala *overseas visits* u spejjez ghall-ivvjagar.

(i) Illi mill-provi jirrizulta li ghalkemm effettivament kien hemm tlett disinni li saru fuq dana l-progett, u li s-socjetajiet konvenuti jghidu li t-tlieta li huma ma kienux accettabbili ghal raguni jew ohra, jidher li kien id-disinn tal-attur li fuqu l-periti kellhom jahdmu u jikkollaboraw (ara Intervista a fol. 499). Inoltre, meta wiehed iqis id-disinn originarjament kif propost mill-attur esebit bhala Dok. PC4, il-prezentazzjoni tad-disinn kif zviluppat minn SidellGibson Camilleri f'Lulju, 2009 kif jirrizulta f'Dok. PC8 a fol. 143 u d-disinn kif approvat mill-Awtorita ta' l-Ippjanar Libjana fl-10 ta' Ottubru, 2010, kif jirrizulta mid-dokumenti RX1 u RX2 a fol. 919 u 920, din il-Qorti m'ghandha ebda dubju li, ghalkemm il-kuncett tad-disinn isib l-origini tieghu f'dak propost mill-attur, dan gie zviluppat konguntivament bejn l-attur u l-periti Inglizi sabiex wassal ghad-disinn finali kif approvat. L-attur kien talab somma ghal dan il-*concept design*

tieghu li ma gietx accettata mis-socjetajiet konvenuti. (Fl-ittra tieghu tal-20 ta' Novembru, 2009, l-attur talab hlas ta' dritt ta' €2,222,440, plus VAT). L-attur kien biss lest li jaccetta somma nqas ta' €450,000 oltre il-VAT li kien offra s-Sur Pisani, bil-kundizzjoni li jithalla jkompli jahdem fuq il-progett. Darba li ma kompliex il-progett, issa qieghed jippretendi l-ammont shih, mitlub originarjament minnu, cioe it-2.2 miljun ewro.

Illi l-attur in sostenn tal-pretensjoni tieghu jaghti zewg xenarji (fol. 503 u 504) li ghandhom bhala bazi it-Tariffa K[1] tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel xenarju huwa bbazat fuq il-valur tal-progett ta' 170 miljun ewro (ghal 33 sular kif disinjat minnu u mehuda pro rata mill-valur moghti ghal 44 sular, bi tnaqqis ta' 15% ghal bidla fl-arja tal-bini hekk kif wiehed jitla' 'l fuq, bir-rata ta' 2% u kkalkolat b'persentagg ta' 75%, bhala l-kontribut tieghu ghall-fazi tad-disinn, li jwassal ghal total ta' 2.55 miljun Ewro. It-tieni xenarju huwa bbazat fuq il-hlas ta' drittijiet mahsuba fil-kuntratt ta' Sidell Gibson ta' 8 miljun ewro li huwa ekwiparat mill-attur ma' 4% tal-valur tal-progett. L-attur wara li jaghmel l-istess tnaqqis kontemplat taht l-ahhar xenarju, jasal ghad-drittijiet tieghu fil-valur ta' 2.71 miljun ewro. Madankollu din il-Qorti ma taqbilx mal-premessa adoperata taht dan ix-xenarju, peress li minn ezami tal-kuntratt ta' 8 miljuni, partikolarment mill-appendici "B" u "C", jirrizulta car li dan kien jahseb ghal dak kollu kontemplat taht l-paragrafu 10 tat-Tariffa K li jwassal ghar-rata ta' 6%.

Fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm l-attur ghandu dritt li jithallas tal-*concept design* originali tieghu, izda mhux ghall-ammont shih mitlub ta' 2.2 miljun ewro, daqs li kieku hadem il-progett kollu hu fuq id-disinn tieghu biss meta fil-fatt jirrizulta li d-ditta ta' periti Inglizi Sidell Gibson hadmu estensivament fuq dan il-kuncett ta' l-attur, sakemm fl-ahhar mill-ahhar, il-pjanti li gew approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar Libjana kienu

[1] Tariffa K - 10. Disinji u Fabrikazzjoni ta' Bini Ghat-tehid ta' istruzzjonijiet tal-klijent, preparazzjoni ta' skizzijietta, disinji, ghemil ta' stimi approssimattivi tal-ispija b'qis kubu jew xorta ohra, ghas-sottornissjoni ta' applikazzjonijiet ghall-bini u/jew licenzji ohra, preparazjoni ta' disinji u specifikazzjonijiet ta' xoghol, ghoti ta' sorveljanza generali, hrug ta' certifikati ta' hlas u certifikazzjoni ta' kontijiet, id-dritt dwar xoghlijiet godda ghandu jkun stmat kif gej:
Jekk l-ispiza tax-xoghol maghrnul jeccedi €2,329.37 ... 6% tal-ispiza
11. Drittijiet meta I-perit jabbanduna lill-klijent jew jigi abbandunat mill-klijent jew xoghlijiet jibqghu mhux maghmula
1. Jekk progett imsemmi fil-paragrafu 10 ta' din it-Tariffa jew parti minnu jkun abbandunat jew jekk il-perit jabbanduna l-klijent jew ikun abbandunat mill-klijent:
(a) wara Ii I-perit ikun ha I-istruzzjonijiet tal-klijent, ipprepara l-iskizz tad-disinji preliminari bizzejjed biex juru l-interpretazzjoni tal-perit dwar l-istruzzjonijiet tal-klijent u wara Ii jkun gharnel stima approssimattiva tal-prezz tal-progett, id-dritt ghandu jammonta ghal terz (1/3) tad-drittijiet speciflkati fil-paragrafu 10;
(b) wara Ii I-perit ikun ha I-istruzzjonijiet tal-klijent, ipprepara l-iskizz tad-disinji, gharnel stima approssimattiva tal-ispiza, issottometta applikazzjonijiet ghal licenzi ghal bini u/jew licenzl ohra, u pprepara disinji u specifikazzjonijiet tax-xoghol id-dritt ghandu jammonta ghal zewg terzi (2/3) tad-dritt specifikat fil-paragrafu 10.

dawk tal-periti SidellGibsonCamilleri, li huma ndikati wkoll bhala *Designers* fuq l-istess pjanti (Dok. RX1 a fol. 919), xhieda tal-kontribuzzjoni taz-zewg periti fuq ir-rizultat finali. Il-kontribut ta' Sidell Gibson ghar-rizultat finali huwa rikonoxxut mill-istess attur meta fil-kalkoli tieghu naqqas 25% mid-dritt kif komputat minnu proprju minhabba l-kontribut ta' terzi (fol. 503 u 504).

Sidell Gibson xehdu li l-ammont dovut lill-attur ghad-disinn tieghu kien inkluz fl-ammont totali miftiehem mal-klijent u ghalhekk huwa ma jistax jippretendi issa li jithallas separatament u indipendentement mill-ftehim u mix-xoghol l-iehor li sar. Fil-fatt jirrizulta mill-kuntratt esebit in atti, li Sidell Gibson effettivament thallsu €500,000 ghall-ewwel fazi ta' *concept design,* izda dawn hadu diversi pagamenti ohra ladarba baqghu jahdmu fuq il-progett. Madankollu din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li jinghad min Sidell Gibson, peress li fl-ahhar mill-ahhar jibqa' l-fatt li l-attur wettaq xoghol fuq inkarigu dirett tas-socjetajiet konvenuti u li ghandu jigi debitament ikkumpensat. Fic-cirkostanzi, l-Qorti, wara li qieset dan kollu, kif ukoll hadet in konsiderazzjoni l-aspett tal-ftehim li kien intlahaq bejn il-kontendenti fil-kawza, dwar il-kumpens dovut lill-attur, ghas-servizzi tieghu relatati mal-*concept design*, b'dan illi jibqa' nvolut fil-progett bil-prospett li jigbor drittijiet ulterjuri, kif ukoll ir-rwol li kellhom Sidell Gibson fuq id-disinn tal-attur, tqis li jkun gust li l-pretensjoni tal-attur tkun dimezzata u konsegwentement qeghda tillikwida l-ammont dovut lill-attur fuq id-disinn tieghu, fl-ammont ta' €1,111,220 (eskluz il-VAT).

(ii) L-attur talab is-somma ta' € 150,000 ghal *In-House structural design development* u preparazzjoni ghat-*tender document for diaphragm and subsequent structural design involvement with CS Design/CS Consult*. Mill-provi jirrizuta li CS Design/CS Consult kienu gew *sub-contracted* mill-attur, izda dawn eventwalment spiccaw jahdmu ma' Sidell Gibson u fil-fatt huma thallsu minghandhom u minghand is-socjetajiet konvenuti ghax-xoghol li ghamlu. Huma thallsu ghall-istess xoghol li tieghu l-attur qieghed jippretendi li jithallas taht dana l-kap. L-attur talab dan il-hlas ghax qal li s-Sur Pisani kien qallu li hu kien ser jahdem wahdu fuq dana l-progett, u ghalhekk kien beda jaghmel dan ix-xoghol, u s-socjetajiet konvenuti kienu jafu b'dan. Wara gie infurmat mis-socjetajiet konvenuti li huwa kellu jahdem in kollaborazzjoni mal-periti Inglizi u mhux wahdu. Alfred Pisani ma kkonfermax dak li qal l-attur imma

jghid li kienu infurmaw lill-attur li huma kienu *partners* ma' ohrajn u li kien hemm diga disinni ohra fuq l-istess progett u li hu kellu jahdem ma' periti ohra. Is-socjetajiet konvenuti jishqu li hafna mix-xoghol li pprezenta l-attur u li qal li ghamel f'dan il-perjodu ma kienx xoghol tieghu, imma ta' konsulenti ohra, hafna dokumenti huma repetizzjoni ta' l-istess dokumenti u ohrajn huma downloads minn fuq l-internet.

Fil-fehma tal-Qorti wara li kkunsidrat li fil-kaz tad-disinn strutturali sar xoghol estensiv minn CS Design u CS Engineers, kif jirrizulta mix-xhieda tal-Perit Frederick Ellul, l-ammont mitlub mill-attur taht dana l-kap ukoll ghandu jigi dimezzat ghar-ragunijiet hawn qabel imsemmija, peress li filwaqt li xorta ghandu jsir hlas ghax-xoghol li huwa ghamel a beneficcju u uzu tas-socjetajiet konvenuti u li huma kienu ikkommissjonaw, izda mhux fl-ammont intier kif jippretendi l-attur. L-ammont dovut taht dana l-kap ghalhekk qieghed jigi likwidat fl-ammont ta' €75,000.

(iii) Taht dana l-kap, l-attur talab is-somma ta' €350,000 ghal architectural design development of PCA design with SGA. L-ammont li kien gie maqbul fil-bidu kien ta' €320,000 fuq zmien ta' sena. SGA kienu ghamlu xi pagamenti lill-attur minn dana l-ammont, somma minnhom ta' €20,000 kienet giet accettata (skont kif jirrizulta mill-affidavit ta' Sidell esebit bhala Dok. E a fol. 765 u mill-kontroezami tal-attur a fol. 782) u somma ohra giet rifjutata. Ma' dina s-somma l-attur talab ukoll is-somma ta' €30,000 biex tikkumpensa ghaz-zieda li thallsu l-periti Inglizi mis-socjetajiet konvenuti. Meta ma ntlahaqx ftehim mal-periti Inglizi dan l-arrangament sfaxxa u l-attur ma baqax jahdem fuq id-*design development*. Ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi li jithallas l-ammont shih meta x-xoghol ma spiccahx huwa. Taht dana l-kap, l-attur ghandu jithallas zewg terzi tal-ammont mitlub u cioe €233,333 skond it-Tariffa K, li minnhom ghandhom jitnaqqsu s-somma ta' ta' €20,000, sabiex jifdal bilanc ta' €213,333 favur l-attur.

(iv) In kwantu ghall-ispejjez tal-ivvjaggar, l-attur jghid li fl-abbozz ta' ftehim li kellu, l-partners kellhom jithallsu €1000, kull darba li jmorru l-Libja u li jithallsu l-lukandi. Izda dan l-allegat ftehim ma jinsab korroborat minn ebda dokument jew xhieda ohra. Filwaqt li jghid li ghamel mat-22 vista l-Libja, jixhed ukoll li lilu hallsulu l-ajruplani. L-attur ma ressaq ebda provi sabiex isostnu l-pretensjoni tieghu ta' €30,000 u fin-

nuqqas ta' prova, din il-Qorti ma tistax tilqa' din il-pretensjoni, in kwantu jinkombi fuq min jallega li jipprova dak sostnut minnu (*onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat).*

**Re-epilogu**

L-ammont dovuti lill-attur huwa:

i. €1,111,220

ii. €75,000

iii. €213,333

Total ta' €1,399,553 oltre l-VAT.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetajiet konvenuti, inkluz dawk dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni u li mhumiex legittimi kontraditturi, tilqa' t-talbiet attrici limitatament billi:

Tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti huma responsabbli in solidum ghall-hlas tad-drittijiet dovuti lill-attur ghal servizz professjonali rezi minnu in konnessjoni mal-progett bl-isem Medina Towers gewwa Tripoli, Libja~~;~~

Tillikwida l-ammont dovut lill-attur fl-ammont ta' miljun u tlett mija u disgha u disghin elf, hames mija u tlieta u hamsin ewro (€1,399,553) oltre l-VAT;

Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu s-somma ta' miljun u tlett mija u disgha u disghin elf, hames mija u tlieta u hamsin ewro (€1,399,553) oltre l-VAT rapprezentanti l-istess drittijiet;

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata l-1 ta' Novembru 2010, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet u bl-imghax legali kontra s-socjetajiet konvenuti mid-data tas-sentenza.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.

Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur